MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta ta' l-20 ta' Marzu, 2013

Numru 254/2013

**SPETTUR LUKE BONELLO**

**KONTRA**

**REMUS BRATEANU**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Remus Brateanu ta' 28 sena, bin Ionel u Spanil nee' Brateanu, mwieled gewwa Galati Rumanija fit- 2 ta' April 1984, residenti Havana Apts, Flat 5, Triq San Gorg, San Giljan u detentur tal- Passaport Ruman ROU086148481;

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli fid- 19 ta’ Marzu 2013 ghall- habta tas- 01.00am gewwa San Giljan bil- hsieb li jikkommetti serq aggravat bil- hin u bil- valur liema jeccedi €232.94 izda inqas minn €2,329.37 ghad- detriment ta’ Rita Cremona, wera dan il-hsieb b’ atti esterni u ta bidu ghall- esekuzzjoni tad- delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill- volonta’ tieghu;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f’dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skont il-ligi sabiex jikkonsidra sew din l-ammissjoni, u wara li l-Qorti wissietu bl-aktar mod solenni tal-konsegwenzi li ggib maghha din l-istess ammissjoni;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza f’din il-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Wara li rat l- Artikoli 41(1), 267 u 270 tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lill- imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah sitt (6) xhur prigunerija sospizi ghal sena ai terrminu tal- Artikolu 28A tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------